## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru: 553/15 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Grech Jesmond**
**(ID. 113268M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€729.84) in konnessjoni ma` Bundle Agreement (Home Pack) (AC40148478).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghallhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fit-22 ta' Settembru, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont pretiz u l-azzjoni hi preskritta;

2. Il-konvenut ma jiftakarx li huwa kien debitur tas-socjeta' GO plc tas-somma ta' seba' mija disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€729.84) in konnessjoni ma Bundle Agreement (Home Pack) (AC40148478);

3. Il-konvenut jghid li huwa qatt ma gie interpellat mill-attur is-Socjeta' GO p.l.c.

Illi mill-provi mressqa gie ppruvat illi l-attur l-ahhar li kien f'Marzu 2011 u wara din id-data la qatt ircieva kont u lanqas qatt hallas izjed u dan wara li hu ssepara minn mal-mara u kien issettilja kollox mal-kumpanija attrici.

Illi l-konvenut eccepixxa l-eccizzjoni tal-preskrizzjoni liema eccezzjoni giet ippruvata ghaliex ma tresqitx provi li l-konvenut gie debitament interpellat sabiex ihallas qabel din il-kawza.

Fid-dawl ta' dan it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**